MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 340/2005

Kawza fil-lista: 38

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati b' digriet tat-28 ta' Ottubru 2005 kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 1997 kif jindika c-certifikat anness bhala Dokument A;

Peress illi l-kunsens tal-parti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga Art 19 (1) (C) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi l-kunsens kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Art 19(1) (d) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ta' l-att taz-zwieg Art 19(1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi fil-fatt meta l-partijiet izzewgu, l-attrici ma kienetx taf li l-konvenut kien alkoholiku qabel iz-zwieg u kien biss wara z-zwieg meta l-attrici u l-konvenut bdew jghixu flimkien li skopriet din il-problema kif ukoll skopriet illi waqt l-gherusija qasira taghhom filghaxija wara li l-partijiet jhallu lil xulxin huwa kien imur jixrob fil-hwienet tax-xorb sakemm ikun xurban u anke isir vjolenti;

Peress illi din l-attitudni l-attrici saret taf biha wara z-zwieg meta l-konvenut kompla jmur fil-hwienet tax-xorb u jirritorna lejn id-dar matrimonjali fis-sakra u vjolenti;

Peress illi kien ukoll wara z-zwieg taghha mal-konvenut li l-attrici saret taf li l-konvenut kien mizzewweg gia' darb' ohra u z-zwieg tieghu kien gie xolt minn Qorti jew Tribunal iehor barra minn Malta;

Peress illi l-konvenut harba minn Malta u l-esponenti sallum ghada ma tafx fejn qieghed ighix;

Peress illi tant dan iz-zwieg ma kellux isir fil-fatt l-attrici bdiet proceduri quddiem il-Qrati Maltin ghal separazzjoni gudizzjarja liema proceduri ghandhom pendenti (Citazz nru 666/2003);

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Mejju 1997 huwa null ai termini tal-Artiklu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi l-eccipjenti m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkkunsidrat:

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejnha u bejn l-assenti D E C fit-28 ta' Mejju 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.
Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha affidament.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici, mara ta' nazzjonalita' maltija, izzewwget lill-assenti ta' nazzjonalita' ingliza, fit-28 ta' Mejju 1997 wara konvivenza ta' circa sentejn. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal. Wara circa hames snin, l-assenti minghajr skruplu ta' xejn qabad u telaq minn Malta u mar jghix l-Ingilterra minn fejn eventwalment l-attrici tilfet kull kuntatt mieghu, u halla lill-attrici tfendi waheda b'

zewgt it-tfal minghajr ma’ qatt baghat manteniment la ghaliha u lanqas ghat-tfal taghhom.

L-attrici tghid li l-partijiet kienu zzewwgu sabiex zewgha jkun jista’ jsib xoghol hawn Malta; izda hekk kif izzewwgu hija ntebhet li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb, u kien ukoll bniedem li jhobb jiffrekwenta lin-nisa. Di fatti anke siehbu stess, fl-affidavit tieghu kkonferma li l-assenti kien jabbuza mill-alkohol u kien anke jiffrekwenta l-prostituti. Inoltre, l-assenti wera ruhhu li kien irresponsabbli kemm lejn martu l-attrici kif ukoll lejn uliedhom. Jirrizulta wkoll li, ghalkemm huwa kien jonfoq il-flus fil-kapricci tieghu, huwa kien xhih ma’ l-attrici; ukoll ta’ spiss kien ikun aggressiv. Huwa kien johrog filghaxija kull jum u ta’ spiss kien jirritorna lura d-dar fis-sieghat bikrin ta’ filghodu.

Il-Qorti tosserva li mill-kwadru tal-fatti li rrizulta mill-assiem tal-provi jirrizulta li l-konvenut kellu anomalija psikologika serja li kienet ta’ tfixkil serju ghall-hajja matrimonjali, u kienet tpoggih fl-impossibilita’ li jadempixxi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali. Il-vizzju ta’ l-alkohol kien jirrendih inkapaci li jadempixxi l-obbligazzjoni tal-konvivenza matrimonjali diretta ghal ben essere reciproku, billi kien jitraskura lill-attrici u anke lil uliedhom, kien aggressiv anke fil-konfront taghha, u kien irrendih inkapaci ta’ maturita’ affettiva fil-konfront taghhom. Inoltre, irrizulta mill-provi li rizultat ta’ din l-anomalija psikologika huwa kien ukoll jabbuza mid-droga u kien jaghmel hafna dejn u jidhol f’ piz finanzjarja li ma kienx fil-posizzjoni li jonera. Dan wassal sabiex huwa jahrab minn Malta u jhalli lill-attrici lampa stampa, tfendi ghar rasha.

Illi l-komportament ta’ l-assenti kagun tal-vizzju tal-alkohol u anke tal-abbuz tad-droga bil-konsegwenzjali nonkuranza u negligenza strafottente da parti ta’ l-assenti fil-konfront ta’ martu u ta’ uliedhu, tikkostitwixxi anomalija psikologika ta’ intensita’ tali li tidhol fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat *[vide PA[VDG] Josette Fardell vs Raymond Galea deciza 17 ta’ Gunju 2002].*

Illi huwa opportun li jigi osservat li hemm elementi ta' prova diretti sabiex jistabilixxu li, qabel ma zzewweg lill-attrici, l-assenti kien diga' mizzewweg fl-Ingilterra u kienu ttiehdu proceduri ghad-divorzju. L-attrici tghid li hija ma kienet taf b' xejn minn dan, ghajr wara li l-assenti telaq minn Malta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejnha u bejn l-assenti fit-28 ta' Mejju 1997. L-ispejjez ikunu kollha a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvisorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------